**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha, 8 ta’ Mejju 2024**

**Rikors Numru: 322/2018 MLF**

**L-Avukat Dr Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia**

**vs**

**L-Avukat Dr Joseph Gerada**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tal-atturi fejn talbu sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallashom bhala eredi *ab intestato* ta’ Daphne Caruana Galizia, li nqatlet fis-16 ta' Ottubru 2017, is-somma ta’ mhux inqas minn elfejn tliet mija disgha u ghoxrin Euro u tmienja u tletin centesmi (€2,329.38) u mhux izjed minn tlettax-il elf disa’ mija, sitta u sebghin Euro u erbgha u ghoxrin centezmi (€13,976.24) bhala penali a tenur tal-Artikolu 836(8) Kap 12 Ligijiet ta’ Malta, talli wara li talab u ottjena, fis-7 ta' Frar 2017 il-hrug ta’ zewg mandati kawtelatorji ta’ sekwestru bin-numri 220/2017 u 221/2017 ghas-somma ta’ hdax il-elf, sitt mija sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmi (€11,646.87) kull mandat, kontra Daphne Caruana Galizia, u talli wara li pprezenta zewg kawzi fil-Qorti tal-Magistrati bin-numri 31/2017 u 32/2017, ceda z-zewg kawzi fl-4 ta' Ottubru 2018 minghajr ma ressaq ebda prova, liema zewg mandati u kawzi ghalhekk saru b’mod

malizzjuz, frivolu u vessatorju ghall-finijiet tas-sub-incis (d) tas-subartiklu (8) tal-Artikolu 836 Kap 12. fuq imsemmi.

Bl-ispejjez, inkluz €326.97 bhala nofs is-somma ta' €653.94 mizmuma mill-HSBC Bank Malta plc bhala drittijiet fuq ic-cedola ta' depozitu numru 458/17, kontra l-intimat.

2. Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

i. L-irritwalita’ tal-azzjoni fir-rigward ta’ dawk l-atturi li jirrizultaw li kienu assenti minn Malta meta giet prezentata din il-kawza. L-atturi Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia, u Paul Caruana Galizia, ghandhom jipprovaw li ma kienux assenti minn Malta meta giet prezentata l-kawza.

ii. In-nullita’ tal-azzjoni attrici in kwantu bazata fuq l-Artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi ma saritx skond il-procedura preskritta bil-ligi.

iii. Il-gudikat billi l-istess talbiet ga gew decizi bejn l-istess partijiet (jew l-awturi taghhom) mill-Qorti li kienet qed titratta l-kawza dwar il-jedd tal-eccepjent.

iv. F'kull kaz u minghajr pregudizzju, l-atturi kollha ghandhom jipprovaw l-interess guridiku taghhom biex jipprocedu b'din l-azzjoni fil-kwalita’ premessa minnhom bhala eredi *ab intestato* ta' Daphne Caruana Galizia.

v. Fil-meritu u minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici huma legalment u fattwalment infondati billi mhuwiex minnu li meta gew prezentati l-kawzi u l-mandati kawtelatorji in kwistjoni, l-esponent agixxa b'mod malizzjuz, frivolu jew vessatorju fit-termini tas-subartiklu (8) tal-Artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan kif ser jigi ppruvat ahjar fil-kors tal-kawza.

3. Semghet ix-xhieda, rat id-dokument u l-atti kollha ipprezentati.

4. Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet u semghet it-trattazzjoni orali finali tal-avukati difensuri.

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. Permezz ta' zewg avvizi ipprezentati fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Frar 2017, il-konvenut kien talab li din il-Qorti diversmant preseduta tiddikjara li zewg pubblikazzjonijiet li kienu saru minn Daphne Caruana Galizia fuq is-sit taghha nhar il-31 ta' Jannar 2017 kienu malafamanti fil-konfront tieghu, u wkoll li Daphne Caruana Galizia tigi ikkundannata thallsu somma likwidata minn dik il-Qorti *ai termini* tal-Artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta). Dawn iz-zewg avvizi kienu jgibu n-numri 31/17 FDP u 32/17 FDP fl-ismijiet *Av. Dr Joseph Gerada vs Daphne Anne Caruana Galizi*a.[1]

ii. Kontestwalment mal-prezentata ta' dawn l-avvizi, il-konvenut kien ukoll talab u ottjena il-hrug ta' zewg mandati ta' sekwestru fil-konfront ta' Daphne Caruana Galizia, it-tnejn fl-ammont ta' €11,646.87 in kawtela tal-pretensjonijiet tieghu maghmula fl-istess avvizi.[2]

iii. Permezz ta' zewg rikorsi ipprezentati fit-13 ta' Frar 2017, Daphne Caruana Galizia kienet talbet ir-revoka ta' dawn il-mandati ta' sekwestru u l-imposizzjoni kontra l-konvenut tal-penali mahsuba fl-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. B'zewg digrieti moghtija nhar id-9 ta' Marzu 2017, ghar-ragunijiet hemmhekk imfissra din il-Qorti diversament preseduta cahdet it-talbiet maghmula minn Daphne Caruana Galizia fir-rikorsi msemmija.[3]

iv. Wara z-zewg mandati ta' sekwestru ipprezentati mill-konvenut u zewg mandati ta' sekwestru ohra ipprezentati mill-Avukat Dr Christian Cardona wkoll fil-konfront ta' Daphne Caruana Galizia,[4] nhar l-1 ta' Marzu 2017 HSBC Bank Malta plc

---

[1] Ara Dok ES1 u Dok ES 2 ipprezentati waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2019 u allegati mal-atti odjerni.
[2] Ara l-mandat ta' sekwestru numru 220/17 a *fol.* 11 tal-process u l-mandat ta' sekwestru numru 221/17 a *fol.* 17 tal-process.
[3] Ara Rikors numru 37/17FDP fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 220/17 u Rikors numru 36/17FDP fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 221/17, t-tnejn allegati mal-atti odjerni.

[4] Dawn iz-zewg mandati ta' sekwestru gew ipprezentati mill-Avukat Dottor Christian Cardona kontestwalment ma' zewg libelli li l-mertu taghhom huwa konness mal-mertu taz-zewg libelli intavolati mill-konvenut.

iddepozita fir-Registru ta' din il-Qorti permezz tac-cedola numru 458/17 is-somma ta' €43,149.36, u dan wara li l-istess Bank iddikjara li mill-flejjes li kellu f'idejh appartenenti lil Daphne Caruana Galizia, huwa kien approprja s-somma ta' €653.94 *"sabiex jaghmlu tajjeb ghad-drittijiet u l-ispejjez tal-prezenti cedola ta' depozitu."*[5]

v. Imbaghad nhar id-9 ta' Marzu 2017 Daphne Caruana Galizia iddepozitat fir-Registru ta' din il-Qorti permezz tac-cedola numru 519/17 is-somma addizzjonali ta' €3,438.12 sabiex jigi kopert l-ammont kawtelat kemm bil-mandati ta' sekwestru ipprezentati mill-konvenut u wkoll dawk ipprezentati mill-Avukat Dr Christian Cardona.[6]

vi. Nhar l-24 ta' April 2017 Daphne Caruana Galizia talbet il-hrug tal-kontromandati relattivi ghar-raguni li l-ammont kawtelat kien gie depozitat fir-Registru tal-Qorti, liema talba ma gietx opposta mill-konvenut u kienet giet milqugha minn din il-Qorti diversament preseduta permezz ta' digrieti moghtija nhar il-25 ta' April 2017.[7]

vii. L-ewwel seduta fil-kawzi 31/17 FDP u 32/17 FDP fl-ismijiet *Av. Dr Joseph Gerada vs Daphne Anne Caruana Galizia* inzammet nhar l-24 ta' April 2017. Dakinhar kienet giet iffissata seduta ghall-11 ta' Mejju 2017 ghat-trattazzjoni ta' rikors ipprezentat minn Daphne Caruana Galizia sabiex tigi preservata il-*geo-localisation data* relatata man-numri tal-mobile li kien juza' l-konvenut, u seduta ohra ghad-29 ta' Mejju 2017 ghall-provi tal-konvenut (rikorrent f'dawk il-proceduri). Minhabba indisposizzjoni tal-Magistrat sedenti f'dawk il-proceduri, is-seduta tal-11 ta' Mejju 2017 kienet giet differita ghat-18 ta' Mejju 2017 fejn il-kawzi thallew ghas-seduta tad-29 ta' Mejju 2017 ghall-prezentata ta' nota ta' referenzi da parti tal-konvenut (rikorrent f'dawk il-proceduri) u imbaghad ghall-10 ta' Lulju 2017 ghal digriet dwar ir-rikors ipprezentat minn Daphne Caruana

[5] Ara c-cedola numru 458/17 immarkata bhala Dok D3 a *fol.* 110 tal-process.
[6] Ara c-cedola numru 519/17 immarkata bhala Dok D4 a *fol.* 113 tal-process.
[7] Ara l-Kontromandat numru 766/17 a *fol.* 36 tal-process u Dok D5 a *fol.* 115 tal-process.

Galizia. Fl-10 ta' Lulju 2017, il-kawzi kienu gew differiti ghat-23 ta' Ottubru 2017 ghall-provi tal-konvenut (rikorrent f'dawk il-proceduri).[8]

viii. Daphne Caruana Galizia inqatlet nhar is-16 ta' Ottubru 2017.

ix. Nhar l-24 t'Ottubru 2017, il-konvenut ipprezenta zewg rikorsi fejn talab il-hrug tal-kontromandati relattivi *"sabiex il-familjari tal-intimata defunta jkunu jistghu liberalment jizbankaw l-ammonti depozitati"*.[9] Din it-talba f'wiehed minn dawn iz-zewg kontro-mandati giet michuda minn din il-Qorti diversament preseduta permezz ta' digriet moghti fil-25 t'Ottubru 2017, stante li l-mandat ta' sekwestru 220/17 kien gia gie mnehhi permezz ta' kontromandat numru 766/17 u ghalhekk ma hemm ebda mandat x'jigi revokat. F'dan id-digriet, il-Qorti stiednet lill-konvenut (rikorrent f'dawk il-proceduri) sabiex jaghmel talba fl-atti tac-cedola ta' depozitu pprezentat flimkien mal-kontromandat numru 766/17, sabiex l-ammonti depozitati jigu rilaxxati kif minnu indikat fir-rikors tal-24 t'Ottubru 2017.[10] Mill-atti ma jirrizultax li t-talba fil-kontro-mandat l-iehor giet dekretata minn din il-Qorti diversament preseduta.[11] Pero din il-Qorti hadet konjizzjoni *ex officio* ta' din it-talba l-ohra ghal hrug ta' kontro-mandat ghal mandat ta' sekwestru numru 221/17, stante li dan l-att gie ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti,[12] u irrizultalha li din it-talba giet irtirata mill-konvenut stess (rikorrent f'dawk il-proceduri) fil-25 t'Ottubru 2017 – l-istess data li fiha giet michuda t-talba ghal hrug tal-kontro-mandat ghal mandat ta' sekwestru numru 220/2017.

x. Mir-ricerki testamentarji, kemm pubblici u anke dawk sigrieti, jirrizulta li Daphne Caruana Galizia mietet intestata.[13] L-atturi odjerni talbu li l-gudizzju tal-kawzi 31/17 FDP u 32/17 FDP jigi trasfuz f'isimhom bhala eredi ta' Daphne Caruana Galizia, liema talba giet milqugha b'digriet tal-11 ta' Jannar 2018.[14]

[8] Ara l-atti tal-proceduri 31/17 FDP u 32/17 FDP fl-ismijiet Av. Dr Joseph Gerada vs Daphne Anne Caruana Galizia allegati mal-atti odjerni u mmarkati bhala Dok ES1 u Dok ES 2
[9] Ara l-Kontromandat numru 2027/17 a *fol.* 42 tal-process u Dok D5 a *fol.* 115 tal-process.
[10] Ara d-digriet a *fol.* 44 tal-process.
[11] Ara Dok D5 a *fol.* 115 tal-process, fejn hemm riferenza ghall-Kontromand numru 2025/2017.
[12] Ara s-sentenzi **Alphone Maria Vella et vs Carmelo Mallia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kummercjali fil-11 ta' Frar 1994 u **Korporazzjoni Enemalta vs V & C Contractors Ltd.** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) (*per* Imhallef Philip Sciberras) fit-22 ta' Jannar 2010.
[13] Ara d-dokumenti a *fol.* 25 sa 27 tal-process
[14] Ara l-atti tal-proceduri 31/17 FDP u 32/17 FDP

xi. Eventwalment, permezz ta' nota datata 2 ta' Ottubru 2018 il-konvenut (rikorrent f'dawk il-proceduri) iddikjara li ma kienx fadallu aktar interess f'dawk il-kawzi ta' libell u ghalhekk cedihom. Din il-Qorti diversament preseduta iddikjarat li l-kawzi gew ceduti fl-4 ta' Ottubru 2018.[15]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. L-atturi fil-kwalita' taghhom ta' eredi ta' Daphne Daruana Galizia qeghdin jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallashom penali a tenur tal-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress illi wara li l-konvenut kien talab u ottjena il-hrug ta' zewg mandati ta' sekwestru kawtelatorji fil-konfront ta' Daphne Caruana Galizia, huwa kien ceda l-istess kawzi minghajr ma ressaq l-ebda provi. L-atturi qeghdin jitolbu wkoll li l-konvenut jigi ikkundannat ihallashom l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u s-somma ta' €326.97 rapprezentanti nofs is-somma mizmuma minn HSBC Bank Malta plc mal-prezentata tac-cedola ta' depozitu numru 458/17.

7. Il-konvenut laqa' ghal din it-talba billi ressaq hames eccezzjonijiet. Erba' minn dawn l-eccezzjonijiet huma ta' natura preliminari u ghalhekk jehtieg li jigu kkunsidrati u decizi qabel kwanlunkwe konsiderazzjoni li tista' taghmel din il-Qorti fil-mertu.

*<u>L-Ewwel Eccezzjoni – L-irritwalita' tal-azzjoni stante l-assenza minn Malta ta' uhud mill-atturi</u>*

8. B'din l-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut jeccepixxi l-irritwalita' tal-azzjoni odjerna fir-rigward ta' dawk l-atturi li kienu assenti minn Malta meta gew intavolati l-proceduri.

9. L-artikolu 180(*a*) tal-Kodici ta' Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi li l-prezentata tal-iskritturi tista' ssir *"mill-parti stess li tidher fl-isem taghha nfisha, jew mill-persuna li tidher bhala … … prokuratur ta' persuni li jinsabu barra mill-Gzira ta' Malta jew ta' Ghawdex, li fiha l-iskrittura tigi pprezentata."*

[15] Ara l-atti tal-proceduri 31/17 FDP u 32/17 FDP

10. L-attur Dr Peter Caruana Galizia xehed li ibnu Matthew Caruana Galizia ilu jghix mieghu gewwa Malta b'effett mill-1 ta' Novembru 2018, fatt dan li gie kkonfermat mill-istess Matthew Caruana Galizia fl-affidavit tieghu. Mill-atti ma hemm ebda prova li b'xi mod tikkontradici dak li inghad minn dawn iz-zewg atturi f'dan ir-rigward. In-nota datata 11 ta' Settembru 2018 li l-attur Dr Peter Caruana Galizia kien ipprezenta fl-atti tal-proceduri fl-ismijiet *Av. Dr Joseph Gerada vs Daphne Anne Caruana Galizia* (Rikors numru 31/17FDP)[16] u fejn kien iddikjara li uliedu kienu kollha residenti barra minn Malta ma jistghax ikollha l-effett li tinnewtralizza dak li xehedu dwaru Dr Peter Caruana Galizia u Matthew Caruana Galizia f'dan ir-rigward. Dik in-nota kienet tindika s-sitwazzjoni fil-11 ta' Settembru 2018 mentri dawn il-proceduri gew intavolati fil-11 ta' Dicembru 2018, u ghalhekk tlett xhur wara.

11. Inoltre, mill-atti jirrizulta li qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna z-zewg atturi l-ohra Paul u Andrew ahwa Caruana Galizia kienu taw prokura specjali lil missierhom l-attur Dr Peter Caruana Galizia li permezz taghha awtorizzawh *"to file, contest and withdraw any judicial proceedings and enter into an agreement of compromise of any pending proceedings as he may deem fit in his absolute discretion."*[17] Isegwi ghalhekk li l-attur Dr Peter Caruana Galizia kien awtorizzat jintavola l-procedura odjerna f'isem iz-zewg uliedu l-ohra wkoll.

12. Fis-sentenza fl-ismijiet **Untours Insurance (Agents & Brokers) Ltd vs Maria Lourdes Gauci** deciza fis-16 ta' Dicembru 2002 il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[18] spjegat illi:

*"Jinghad in linea ta' massima illi t-teorija l-aktar accettabbli mill-Qrati, f'kazijiet ta' nullita tal-atti, hi dik li tiffavorixxi l-ammissibilita u mhux in-nullita tal-att. Dan in omagg ghal principju illi n-nullitajiet ghad-deficjenzi procedurali ghandhom jigu skoraggiti u fejn hu possibbli l-atti jigu salvati.*

---

[16] Immarkata bl-ittra 'A' u esebita mill-konvenut man-nota ta' sottomissjonijiet tieghu a *fol.* 163 tal-process
[17] Ara l-affidavit ta' Peter Caruana Galizia a *fol.* 29, l-affidavit ta' Matthew Caruana Galizia a fol. 30 u l-prokuri specjali a *fol.* 33 u 34 tal-process.
[18] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*Dan il-hsieb, illum aktar minn qabel, hu in armonija mal-innovazzjonijiet u l-aggornamenti procedurali introdotti bl-Att XXIV tal-1995 ghal Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Gja fl-imghoddi Qrati differenti, ispirati mill-htiega tat-twettieq ta' dak imfassal bhala "la giustizia del dato caso", kienu jharsu, aktar milli lejn il-legalizmu u l-formalizmu, "lejn dak li hu skont il-haqq u s-sewwa, lejn il-gustizzja sostanzjali, xi drabi wkoll, fejn mehtieg, moderata mill-principju tal-ekwita" (Vol. XXIX.i.1171; Carmelo Meli vs Anthony Sammut, Appell Kummerc, 22.12.1970). Gie emfasizzat per ezempju f'decizjoni ormai sekolari illi l-formalizmu u r-rigorizmu asagerat fil-proceduri gudizzjarji gie abbandunat bhala "il sistema proprio dell'infanzia del diritto" – Xuereb vs Xuereb, 02.01.1883."*

13. Fid-dawl ta' dan l-insenjament, il-Qorti tqis li anke jekk ghall-grazzja tal-argument kellu jinghad li Paul u Andrew ahwa Caruana Galizia kienu assenti minn Malta meta giet prezentata l-kawza, il-fatt li dawn il-proceduri gew istitwiti minn Paul u Andrew ahwa Caruana Galizia f'isimhom proprju u mhux minn Dr Peter Caruana Galizia bhala mandatarju specjali taghhom ma jgibx is-sanzjoni estrema li l-proceduri jigu ddikjarati rritwali. Fil-fatt il-Kodici ta' Procedura Civili ma jimponiex il-piena ta' nullita f'kaz li d-dettami tal-Artikolu 180(a) ma jigux osservati.

14. In oltre, ghalkemm il-konvenut jinsisti fuq l-irritwalita tal-azzjoni odjerna, huwa naqas milli jorbot din l-allegata irritwalita ma' waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 789 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili sabiex atti jigu dikjarati nulli. Dan l-Artikolu 789(1) jippreskrivi illi l-eccezzjoni tan-nullita tal-atti gudizzjarji tista' tinghata:

*"(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;*
*(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;*
*(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;*
*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:*

*Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi."*

15. Kif diga inghad l-ebda disposizzjoni tal-Kodici ta' Procedura Civili ma jinghad espressament illi jekk id-dettami tal-Artikolu 180(a) ma jigux osservati, l-proceduri jkunu nulli. L-Artikolu 789(1)(a) ghalhekk mhux applikabbli f'dan il-kaz, u jidher li hu applikabbli l-Artikolu 789(1)(c). Mill-atti ma jirrizultax, u fil-fatt lanqas gie hekk allegat mill-konvenut, li l-fatt li dawn il-proceduri gew istitwiti minn Paul u Andrew ahwa Caruana Galizia f'isimhom proprju u mhux minn Dr Peter Caruana Galizia bhala mandatarju specjali taghhom irreka xi forma ta' pregudizzju lill-konvenut.[19]

16. Ghaldaqstant, din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

*It-Tieni Eccezzjoni – Nullita' tal-azzjoni attrici in kwantu bazata fuq l-Artikolu 836 tal- Kodici ta' Procedura Civili*

17. Fit-tieni lok il-konvenut jeccepixxi li l-azzjoni tal-atturi hija nulla stante li ma saritx skond il-procedura mahsuba fl-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut jikkontendi li l-procedura taht l-Artikolu 836 tistabbilixxi talba ghall-hrug ta' kontro-mandat u huwa fl-ambitu ta' dawk il-proceduri li tista' ssir talba ghall-hlas tal-penali mahsuba fis-sub-inciz 8 ta' dan l-Artikolu.

18. Il-Qorti tqis li l-atturi qeghdin jitolbu li tigi imposta penali fuq il-konvenut ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kodici ta' Procedura li jipprovdi ghal erba' ipotezijiet li fihom *"Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (€6,988.12) li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju … …".*

19. Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel Farrugia et vs Charmaine Farrugia proprio et nomine** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[20] fit-2 t'Awwissu 2012 inghad illi :

[19] Ara b'analogija is-sentenza **Avukat Dr Lawrence Pullicino vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati nomine et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 t'Ottubru 1988.
[20] *Per* Imhallef Joseph R. Micallef

*"Dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali mahsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta' fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz."*

20. Fid-dawl ta' dan l-insenjament, din il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li r-rimedji ghall-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju mahsuba fl-Artikolu 836 Kodici ta' Procedura ma humiex limitati biss ghal cirkostanzi fejn ikun ghadu fis-sehh dak l-att kawtelatorju. F'dan il-kaz jirrizulta li l-atti kawtelatorji in kwistjoni kienu gew revokati nhar il-25 ta' April 2017 fuq talba ta' Daphne Caruana Galizia stante li l-ammont kawtelat kien gie depozitat fir-Registru tal-Qorti. B'dan il-fatt wahdu pero', l-atturi bhala l-aventi kawza taghha, ma tilfux il-jedd li jaghmlu uzu mir-rimedji mahsuba fl-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Procedura. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ma ghandux ikun pretiz mis-sekwestrat li jkun qieghed jipprova jnehhi minn fuqu l-effetti ta' mandat ta' sekwestru, li jibqa' jissaporti dawk l-effetti sabiex ma jitlifx ir-rimedji provduti lilu mill-ligi.

21. Il-Qorti tqis li interpretazzjoni restrittiva ta' dan ir-rimedju kif qieghed jippretendi l-konvenut, tista' twassal ghal cirkostanzi fejn rikorrent li b'mod abbusiv ikun talab li jinhareg att kawtelatorju, sussegwentement jirtira l-istess att bl-iskop li jevita l-imposizzjoni tal-penali. Dan ma huwiex l-ispirtu tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Procedura, li kif rajna huwa wiehed ta' ordni pubbliku li ghandu l-iskop li jassigura li l-atti kawtelatorji ma jigux utilizzati b'mod abbusiv. Certament li ladarba l-att kawtelatorju jkun gie rtirat jew revokat, ma jkunx logiku li wiehed jitlob li dak l-att kawtelatorju jithassar biex fl-ambitu ta' talba bhal dik issir ukoll talba ghall-imposizzjoni ta' penali. Fuq kollox, l-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Procedura ma jeskludix li talba ghall-imposizzjoni tal-penali ssir anki fi stadju sussegwenti ghar-revoka tal-att kawtelatorju.

22. Fil-fatt l-Artikolu 836(7) tal-Kodici ta' Procedura espressament jikkontempla li l-Qorti ghandha tistħarreġ jekk kemm-il darba l-mandat kawtelatorju kienx seta' jinħareġ jew le jew biex tistħarreġ jekk l-istess mandat huwiex kontra l-liġi, minkejja li jkun sar depozitu

u minkejja li jkun inhareg il-kontro-mandat relattiv, pero l-kawza fil-meritu bejn il-partijiet tkun ghadha pendenti.[21]

23. Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti huwa kontra l-ispirtu tal-Artikolu 836 li wiehed jargumenta li meta mhux biss ikun inhareg il-kontro-mandat relattiv ghax ikun sar depozitu, izda l-kawza fil-meritu tkun ukoll ghal kwalsiasi raguni giet terminata, il-Qorti hija impeduta milli timponi penali u danni kontra persuna li tkun ottjeniet il-hrug ta' mandat kawtelatorju b'mod abbusiv. L-Artikolu 836(8) sempliciment jghid li *"(i)l-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ... ..."* u mkien ma tghid li l-Qorti tista' tezercita dan il-poter biss meta l-proceduri bejn il-partijiet fil-meritu jkunu ghadhom pendenti. Effettivament l-Artikolu 836(8) jikkontempla bhala wahda mir-ragunijiet meta l-Qorti tista tikkundanna lill-ezekutant tal-mandat ghall-penali *"(a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi."* F'din l-ipotesi huwa ovvju li ma jkun hemm l-ebda kawza fil-mertu pendenti bejn il-partijiet, pero dan nonostante l-Qorti hija xorta moghtija s-setgha li timponi penali fil-kazijiet kongruwi.

24. Fis-sentenza **Joseph Rapa vs Raymond Sammut** deciza fit-13 ta' Marzu 2001, il-Qorti tal-Appell irriteniet li *"ir-rimedju moghti lill-persuna esposta ghall-effetti ta' mandat kawtelatorju li jkun sar skond il-ligi inutilment biex jigi rizarcit id-danni, kellu jigi espressament ezercitat permezz ta' citazzjoni, fl-ewwel kaz fejn il-Qorti tigi mitluba timponi penali – sanzjoni din ghal kollox distinta u awtonoma minn dik ta' hlas ta' danni tant li hu facilment koncepibbili illi tista' tigi mposta l-penali anke fil-kaz fejn ma jkunux irrizultaw danni rejali u attwali – l-ligi tipprovdi biss li kellu jkun hemm talba lill-Qorti. It-terminu "talba" timporta l-anqas forma solenni li biha persuna setghet tadixxi lill-Qorti biex minghandha tircievi l-haqq. It-talba tista' tkun skritta, li formalment tissejjah rikors, u tista' wkoll tkun verbali meta bhala regola tigi mill Qorti verbalizzata in atti."*[22] Fiz-zmien li fih inghatat din is-sentenza, il-proceduri quddiem il-Qrati superjuri kienu jinbdew permezz ta' citazzjoni. Bl-emendi tal-Att XXII tal-2002, il-legislatur nehha l-htiega li t-talba ghad-danni taht l-Artikolu 836(9) issir b'citazzjoni, u minflok tali talba

[21] Ara s-sentenza **Anthony Muscat et vs Anthony Nicholl et** deciza fil-11 t'Awwissu 2009 u s-sentenza **Emanuel Farrugia vs C&F Building Contractors Limited** deciza fl-14 t'Awwissu 2014, it-tnejn decizi mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili *(per* Imhallef Joseph R. Micallef)

[22] Ara fl-istess sens **Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lillian Calleja Cremona** deciza fit-30 ta' Mejju 2002, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (*per* Imhallef Raymond C. Pace).

tista' issir b'semplici rikors. Ghalhekk illum il-gurnata kemm talba ghal penali kif ukoll talba ghad-danni taht l-Artikolu 836 jistghu jinbdew b'rikors.

25. Fit-trattazzjoni orali l-abbli difensur tal-konvenut issottometta li dawn il-proceduri huma irritwali ghax ma nbdewx b'rikors, imma permezz ta' avviz. Il-Qorti tirrileva illi l-Artikolu 171 tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi hekk:

*"(1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, jitmexxa bil-mod ta' rikors li jkun skont l-għamla preskritta u jsir fl-għamla ta' avviż sempliċi ffirmat mir-Reġistratur, li jkun fih l-isem u l-kunjom tal-attur u tal-konvenut, it-talba tal-attur, u l-jum u l-ħin meta l-konvenut għandu jidher, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu minn żmiengħal żmien jiġu preskritti."*

Effettivament dawn il-proceduri inbdew b'rikors f'ghamla ta' avviz kif preskritt mil-ligi. Ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-vot tal-ligi gie sodisfatt.

26. *Ex abbundantia*, il-Qorti tirrileva li l-Artikolu 164 tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi hekk:

*"(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 175, ikun hemm nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors ġuramentat jew b'rikors ta' appell minflok tinġieb permezz ta' xi att ġudizzjarju ieħor.*

*"(2) Ma hemmx nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors minflok tinġieb b'rikors ġuramentat:*
*Iżda kull żieda addizjonali li ssir fl-ispejjeż għandha titħallas mill-attur."*

27. Dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi juru bic-car li l-legislatur ma riedx jippenalizza lil min minflok jintavola rikors jipprezenta att gudizzjarju iktar solenni, u cioe rikors guramentat, salv li ghandu jhallas id-differenza fl-ispejjez. Ikun hemm nullita meta minflok att gudizzjarju solenni jipprezenta att gudizzjarju iehor, ghalkemm anke f'dan il-kaz hemm il-possibilita ta' korrezzjoni biex in-nullita tigi sanata. Il-legislatur ma jsemmi xejn fuq min minflok rikors semplici juza rikors f'ghamla ta' avviz, pero la darba l-legislatur ma imponiex espressament is-sanzjoni ta' nullita f'tali eventwalita, u lanqas jimponi nullita fuq min juza att iktar solenni minn dak mehtieg, il-Qorti hija tal-opinjoni li certament ma

kinietx l-intenzjoni tal-legislatur li l-fatt li persuna tuza avviz minflok tipprezenta rikors "semplici" tirrendi dawn il-proceduri nulli u irritwali.[23]

28. Fid-dawl tal-konsiderazzjoni suesposti, t-tieni eccezzjoni tal-konvenut qed tigi michuda.

*It-Tielet Eccezzjoni – Res Judicata*

29. B'din it-tielet eccezzjoni tieghu, l-konvenut jeccepixxi li t-talba attrici diga giet deciza f'kuntest ghal talba ghar-revoka tal-mandati kawtelatorji in kwistjoni. Il-konvenut jirreferi ghal zewg provvedimenti moghtija nhar id-9 ta' Marzu 2017 li permezz taghhom din il-Qorti diversament preseduta kienet cahdet it-talbiet maghmula minn Daphne Caruana Galizia, l-awtrici tal-atturi odjerni, sabiex jigu revokati l-mandati kawtelatorji u sabiex fil-konfront tal-konvenut jigu imposti l-penali mahsuba fl-Artikolu 836(8) tal-Kodici ta' Procedura Civili.

30. Kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawk istitwiti minn Daphne Caruana Galizia, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti f'dak l-istadju, meta l-kawza fil-meritu tkun ghadha pendenti, huwa biss wiehed *prima facie,* u dan ghaliex il-mertu ghandu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet.[24] Fil-fatt, fiz-zewg provvedimenti tad-9 ta' Marzu 2017, din il-Qorti diversament preseduta bdiet il-konsiderazzjonijiet taghha bil-mod segwenti:

*"Il-Qorti tosserva u taghmilha cara, l-ewwel u qabel kollox, illi skond il-principji illi dawn il-Qrati dejjem enunzjaw fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta' Mandati Kawtelatorji, l-ezami li mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed* ***prima facie****."* (enfasi ta' dik il-Qorti).

Imbaghad meta giet biex tiddeciedi dwar it-talba ta' Daphne Caruana Galizia ghall-penali dik il-Qorti ikkonkludiet hekk:

[23] Ara b'analogija s-sentenza **Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lillian Calleja Cremona** deciza fit-30 ta' Mejju 2002, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (*per* Imhallef Raymond C. Pace)
[24] Ara **Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Steward** deciza fid-29 ta' Lulju 2005 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, (*per* Imhallef Joseph R. Micallef).

*"Mill-istharrig <u>prima facie</u> tal-fatti kif esposti quddiemha, ma jidher illi ebda minn dawn l-erba' cirkostanzi ma jirrizultaw, u ghalhekk it-talba ghall-hlas tal-penali kif redatta mir-rikorrenti fil-konfront tal-intimat ma tistax tigi ikkunsidrata favorevolment."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

31. Stharrig *prima facie* tal-fatti jirrikjedi biss ezami jekk is-sekwestrant ghandhux mal-ewwel daqqa' t'ghajn bazi ta' pretensjoni, indipendentement jekk dik il-pretensjoni hix fondata jew le fil-meritu, ghaliex il-meritu jkun ghad irid jigi investigat fid-dettal u fuq livell ta' prova fuq bazi tal-probabbilita fil-kawza proprja bejn il-partijiet. Ghalhekk stharrig fuq bazi *prima facie* jikkostitwixxi dejjem procedura preliminari, fejn il-livell tal-prova mehtieg huwa inqas minn dak tal-probabbli kif rikjest f'kawzi civili li jiddeterminaw il-meritu b'mod definittiv.[25]

32. Min-naha l-ohra hu maghruf ukoll fil-gurisprudenza illi min-natura taghha eccezzjoni ta' *res judicata* tehtieg li jkun hemm sentenza finali fil-meritu, u illi in oltre huwa mehtieg li bejn dik is-sentenza finali u l-proceduri pendenti jikkonkorru tlett elementi, cioe' *eadem res*, *eadem causa petendi* u *eadem personae*. Sentenza finali fil-meritu fil-kamp civili tezigi li l-meritu bejn il-partijiet jigi deciz b'mod definittiv fuq bazi ta' probabbilita ta' provi.

33. Fiz-zewg provvedimenti tad-9 ta' Marzu 2017, il-kwistjonijiet bejn il-partijiet ma gewx decizi b'mod definittiv fuq bazi ta' probabbilita, izda kif diga inghad, wara ezami tal-kwistjonijiet fuq bazi *prima facie*, kif korrettement kellha taghmel din il-Qorti diversament preseduta f'dawk il-proceduri. Fil-provvediment **Visa Investment Ltd vs Blye Engineering Ltd** moghti fis-7 ta' Frar 2001, li kien ukoll jittratta talba ghal revoka ta' mandat kawtelatorju u hlas ta' danni u penali, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[26] irriteniet hekk:

*"Illi mela allura l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel I-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li*

[25] Ara **Joseph Camilleri et vs Anthony Gove et** deciza fl-10 ta' Mejju 2001 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (*per* Imhallef Raymond Pace).
[26] *Per* Imhallef Raymond Pace.

*hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal kawza proprja."*

34. Hu wkoll ben stabbilit fil-gurisprudenza li indagni fuq bazi *prima facie* bl-ebda mod ma tinfluwixxi fuq il-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet. Fis-sentenza **Dr Ann Fenech nomine vs Is-socjeta estera Jebmed SRL** deciza fit-12 ta' Jannar 2023, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

*"Hi x'inhi n-natura tad-digrieti, jibqa' l-fatt li dawn inghataw fi proceduri sommarji u fuq bazi prima facie, u ma jorbtux idejn il-Qorti fi proceduri fil-mertu. Il-gudikat hu ammissibbli meta jkun hemm sentenza definittiva fil-mertu, u f'dan il-kaz dan ma jirrizultax. Din il-Qorti lanqas hi obbligata taddotta l-istess hsieb adoperat fl-ghoti tad-digrieti, ghax fil-konsiderazzjonijiet taghha tal-mertu, din il-Qorti hi libera li tikkonsidra l-kaz ex novo u tasal ghall-konkluzzjonijiet taghha."*

35. F'din is-sentenza il-Qorti tal-Appell kienet qed tiddeciedi fuq eccezzjoni ta' *res judiciata,* ghax kien hemm digriet fi proceduri sommarji taht l-Artikolu 281 tal-Kodici ta' Procedura Civili – li jittratta talba ghal revoka ta' mandat ezekuttiv. Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti l-istess ragunament huwa applikabbli fil-kaz odjern, stante li l-proceduri taht l-Artikolu 836 ghal revoka ta' mandat kawtelatorju meta l-proceduri fil-meritu jkunu ghadhom pendenti ma twasslax ghall-ezami *funditus* tal-materja. Tali proceduri huma ta' natura preliminari intizi biex jithassar mandat kawtelatorju u jekk ikun il-kaz tigi imposta penali u jkun hemm kundanna ghall-hlas tad-danni a bazi ta' apprezzament tal-provi fuq bazi *prima facie.* Tali proceduri mhux intizi sabiex tigi tiddetermina b'mod definittiv u fuq bazi ta' probabilita il-kwistjoni jekk il-mandat kawtelatorju intalabtx b'mod abbuziv jew le, stante li dan l-ezercizzju jista' biss isir wara li l-proceduri fil-meritu bejn il-partijiet ikunu gew terminati. Fil-fatt, kif diga inghad, fil-provvedimenti taghha tad-9 ta' Marzu 2017, din il-Qorti diversament preseduta ghamlita cara diversi drabi li ezami li hija ghamlet kien wiehed limitat ghal ezami fuq bazi *prima facie,* kif inhi obbligata taghmel f'dawk il-proceduri, ladarba l-kawza fil-meritu kienet ghadha pendenti bejn il-partijiet.

36. Ghalhekk, il-fatt li din il-Qorti diversament preseduta waslet ghall-konkluzjoni li *prima facie* l-konvenut kellu dritt jikkawtela ruhu billi johrog il-mandati ta' sekwestru in

kwistjoni u ghalhekk ma kienx hemm lok li tigi imposta penali, ma tikkostitwix decizjoni fil-meritu b'mod definittiv li l-konvenut m'agixxiex b'mod malizzjuz, frivolu u vessatorju meta talab il-hrug tal-mandati. Konsegwentement iz-zewg provvedimenti tad-9 ta' Marzu 2017 ma jikkostitwux ostakolu li l-atturi *qua* eredi ta' Daphne Caruana Galizia jirriproponu l-istess talbiet f'dawn il-proceduri, la darba il-proceduri ta' libell pendenti bejn il-partijiet issa gew terminati. Naturalment il-konkluzjonijiet f'dawn iz-zewg provvidmenti lanqas jorbtu idejn din il-Qorti, li issa trid tirrikonsidra l-kaz *ex novo* fil-mertu.

37. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, anke din l-eccezzjoni tar-*res judicata* qed tigi michuda.

*<u>Ir-Raba' Eccezzjoni – In-Nuqqas tal-Interess Guridiku tal-Atturi</u>*

38. Fir-raba' eccezzjoni tieghu, il-konvenut talab li l-atturi kollha jippruvaw l-interess guridiku taghhom biex jipprocedu b'din l-azzjoni fil-kwalita premessa minnhom bhala eredi *ab intestato* ta' Daphne Caruana Galizia.

39. L-atturi ipprezentaw nota li maghha annettew ic-certifikat tal-mewt u r-ricerki testamentarji ta' Daphne Caruana Galizia.[27] Mir-ricerki testamentarji jirrizulta li Daphne Caruana Galizia mietet intestata. Fl-affidavit tieghu, l-attur Dottor Peter Caruana Galizia jghid li hu u martu Daphne Caruana Galizia, kellhom tlett itfal, u cioe it-tlett atturi l-ohra.[28] Ghalhekk l-atturi jissottomettu li huma lkoll eredi ta' Daphne Caruana Galizia a tenur tal-Artikolu 808 tal-Kodici Civili li jippreskrivi hekk:

*"(1) Meta l-mejjet ihalli warajh tfal jew dixxendenti taghhom u lil martu jew zewgha, il-wirt jghaddi nofs ghat-tfal u d-dixxxendenti l-ohra u n-nofs l-iehor ghal martu jew zewgha."*

[27] Ara *fol.* 24 tal-process.
[28] Ara *fol.* 29 tal-process.

40. Dawn l-istess dokumenti kienu gewipprezentati fil-kawzi tal-libell in kwistjoni u abbazi taghhom l-atturi kienu, minghajr ebda oggezzjoni tal-konvenut (dak in-nhar attur), assumew l-atti minflok Daphne Caruana Galizia.

41. Il-konvenut ma ikkontestax dawn id-dokumenti u s-sottomissjonijiet tal-atturi. In oltre fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-konvenut qal li din l-kwistjoni tal-interess guridiku giet survolata bil-fatt illi l-atturi assiguraw lill-Qorti li huma l-eredi ta' Daphne Caruana Galizia.

42. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, il-Qorti tqis li l-atturi ippruvaw l-interess guridiku taghhom f'dawn il-proceduri bhala eredi ta' Daphne Caruana Galizia u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

*Il-Meritu*

43. Il-hames u l-ahhar eccezzjoni tal-konvenut hija fil-meritu, u li fiha qed jissottometti li t-talbiet attrici huma legalment u fattwalment infondati billi m'huwiex minnu li meta gew prezentati l-kawzi u l-mandati in kwistjoni, huwa agixxa b'mod malizzjuz, frivolu jew vessatorju fit-termini tas-subartikolu tmienja (8) tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Procedura Civili.

44. Min-naha l-ohra, l-atturi qed jissottomettu illi mill-atti jirrizulta li l-konvenut ceda z-zewg kawzi ta' libell fl-4 ta' Ottubru 2018, u dan minghajr ma ressaq ebda prova biex jissostanzja t-talba tieghu ghad-danni. Fl-opinjoni taghhom jirrizulta *ictu occuli* illi persuna li titlob il-hrug ta' zewg mandati kawtelatorji fuq kawzali ta' malafama u libell taht il-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta[29] ghall-massimu tad-danni permessi mil-ligi (€11,646.47 kull mandat), jipprezenta zewg kawzi kontestwalment u jcedihom minghajr ma jgib provi kwazi wiehed u ghoxrin (21) xahar wara, agixxiet kjarament b'mod malizzjuz, frivoluz u vessatorju ghal kollox. Ghaldaqstant huma qieghdin jitolbu l-imposizzjoni ta' penali u l-hlas ta' danni ai termini tas-subincizi (8) u (9) tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Procedura Civili.

[29] Illum abrogat bl-Att XI tal-2018 u sostitwit bil-Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta.

45. Is-subincizi (8) u (9) tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivu hekk:

*"(8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu(1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin: ... ...*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

*(9) Fil-każijiet li jaqgħu taħt is-subartikolu ta' qabel dan, il-qorti tista', meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tiegħu jkun inħareġ il-mandat kawtelatorju sabiex iħallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat, u f'kawżi bħal dawk il-qorti għandha tara u tuża l-iskritturi tal-proċedimenti tal-att kawtelatorju u ta' kull proċediment ieħor li joħroġ jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi għandhom jitqiesu bħala prova ammissibbli għall-finijiet ta' din l-azzjoni."*

46. Fis-sustanza l-azzjoni tentata mill-atturi tinvolvi analisi tal-estensjoni tad-dritt ta' persuna li tadixxi lill-Qorti biex tirrivvendika d-drittijiet taghha kontra l-agir tat-terz. Kif jirrileva **Baudry Lacantinerie**[30]: *"... ... (I) diritti non sono quasi mai assoluti; la maggior parte sono limitati <u>nella loro estensione</u> e sottoposti per il loro esercizio a <u>condizioni</u> diverse. Se si esce da questi limiti o se non si osservano queste condizioni, si agisce in realta senza diritto. Puo dunque esservi <u>abbuso</u> nella condotta degli uomini, ma cio non avviene quando esercitano i loro diritti, bensi quando li <u>oltrepassano</u>. ... ... Fino a quando ci si contiene nei limiti del proprio diritto, si puo commettere <u>una colpa morale</u>, ma non <u>una colpa giuridica</u>."* (enfasi tal-gurista). Konsegwentement, din l-azzjoni tinvolvi wkoll li jigi determinat f'liema mument il-limiti ta' dan id-dritt ta' access ghall-qrati jigi oltrepassat, ghax dan l-access ikun sar b'abbuz tas-sistema gudizzjarja, u ghalhekk jirrikorru l-estremi sabiex il-persuna li ipprovakat il-proceduri tigi ikkundannata ghall-hlas tad-danni minnha kagunati u/jew penali.

[30] **Trattato Teoretico Pratico di Diritto Civile - Delle Obligazioni** Vol. IV pag. 558.

47. Il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin fuq ir-responsabbilita ghad-danni u/jew penali f'kaz ta' azzjoni temerarja u/jew spedizzjoni ta' mandati kawtelatorji hija pjuttost kopjuza u konsistenti.[31] Il-konvenut iccita diversi minnhom fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. Pero, l-iktar sentenza li tirrispekja l-hsieb ta' din il-Qorti kif preseduta hija s-sentenza **Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri**, deciza fl-10 ta' Jannar 1992 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.[32] Ghalkemm din is-sentenza giet deciza qabel is-sostituzzjoni tal-Artikolu 836 bl-Att XXIV tal-1995, u l-emendi sussegwenti, fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-principji fiha enuncjati u spjegati ghadhom applikabbli sal-lum. Fil-fatt din is-sentenza giet invarjabbilment iccitata fis-sentenzi li inghataw wara dawn l-emendi, anke dawk l-iktar ricenti, u saret ukoll riferenza ghaliha fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut. F'din is-sentenza il-Prim'Awla tal-Qorti Civili irriaffermat is-segwenti principji:

(i) *"... ...(I)l-principju fundamentali necessarjament ghandu jkun illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbaghti haddiehor. Qui suo iure utitur non videtur damnum facere. Hu car ukoll illi d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, hu fost l-aqwa drittijiet li fl-ezercizzju tieghu mic-cittadin bl-ebda mod ma ghandhu jigi mxekkel."*

(ii) *"Jinkombi fuq ic-cittadin pero id-dover li ma jabbuzax minn dan id-dritt u jekk jabbuza ikun ritenut responsabbli ghad-danni provokati b'tali abbuz."*

(iii) *"Mill-banda l-ohra hu car ukoll illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma jfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. Hu biss f'kazi eccezzjonali li dan ikun il-kaz. Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija oggettivament wahda ghal kulhadd, fl-istess hin hi spiss taghti lok ghall-interpretazzjonijiet varji w soggettivi li l-partijiet u s-socjeta jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta w japplika. Hu car wkoll li bis-sentenza, necessarjament parti trid tinghata ragun u l-ohra le, w allura din l-ahhar parti trid tissokkombi ghall-gudizzju. Imma jekk il-parti telliefa tinzerta li tkun l-attur, dan*

[31] Ara fost l-ohrajn **John Zarb vs Port Cottonera Limited** deciza fit-18 ta' Settembru 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (*per* Imhallef Tonio Mallia) u s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) (*per* Imhallef Philip Sciberras) **John Debono vs Gianna Cauchi et** deciza fit-12 ta' Settembru 2008 u **Ratan Mohnani vs Carmelo Stivala** deciza fil-11 ta' Gunju 2010, u s-sentenzi fihom citati.
[32] *Per* Imhallef Joseph Said Pullicino.

*ma jfissirx necessarjament illi hu ikun abbuza mid-dritt tieghu li jadixxi lill-Qorti biex jitlob il-protezzjoni tad-drittijiet li, f'dak il-mument, hu ikun jippretendi li jispettaw lilu."*

(iv) *"Dan li nghad japplika mhux biss ghall-partijiet f'kawza, imma wkoll mutatis mutandi – u forsi anki aktar - ghal min juzufruwixxi mill-proceduri statutorji tal-mandati kawtelatorji biex jipprotegi preventivament l-interessi tieghu skond il-ligi".*

(v) *"Il-Qrati wkoll jikkonsidraw f'liema cirkostanzi tista' tkun ammissibbli azzjoni ghad-danni, bhal dik tentata mill-attrici, b'konsegwenza ta' hrug ta' mandati kawtelatorji. Hekk per ezempju fil-kawza "Falzon vs Scicluna [Vol. XXVIII, P.III, pg. 1067] "Di conseguenza ... ... e pur sempre necessario che si dimostri esserci stato da parte dell'esercitante se non il dolo <u>almeno</u> la negligenza colposa. Cosi la Prim'Awla della Corte Civile di Sua Maesta, il 10 Aprile, 1890 [Collezioni Vol. VIII, pg. 434] in re 'Agius vs. Dott. Carbone nomine ebbe a ritenere che i danni e gli interessi non sono dovuti nel caso di spedizione di un mandato, se non si prova che egli abbia agito con negligenza, imprudenza o disattenzione [vedi anche decsione Appello 24 Marzo, 1873 in re Smith vs Crabbe]. E tale principio venne anche recentement ribadito dalla Corte di Appello in re 'Delia vs Xuereb' il 9 Maggio, 1932 u il 7 Dicembru, 1931, in re Barbara vs Fleri" [ara wkoll Vol. XXVIII. P.I, pg. 288]*[33]

*Fil-kawza "Emmanuele Calleja vs Carmelo Grima et" [Vol. XXXIX, P.I, pg. 24, il-Qorti tal-Appell rribadiet dawn il-principji wkoll fir-rigward tal-hrug ta' mandati ta' inibizzjoni ... ... Gie ritenut li "<u>Jekk fl-eghmiel ta' min jottjeni l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ma jirrikorrix l-element ta' vessatorjeta</u>, min ottjena dak il-mandat mhux responsabbli ghad-danni li jista' jsofri min issubixxi dak il-mandat."*

[33] Minn ricerka li ghamlet din il-Qorti, is-sentenza riportata fil-Volum XXVIII-I-288 hija effettivament is-sentenza **Carmelo Delia vs Giovanni Xuereb** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Mejju 1932 u gia iccitata fl-istess sentenza **Falzon vs Scicluna** deciza fis-16 ta' Frar 1933 mill-Qorti tal-Kummerc (*per* Imhallef E. Ganado) u riportata fil-Volum XXVIII-III-1067.

(vi) *L-element tal-vessatorjeta jimplika certu grad ta' kolposita, ta' kattiverja. ... ... Element ta' vessatorjeta ikun jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja.*

*"Il diritto cessa dove comincia l-abbuso ... .... Riteniamo che basta, per proteggere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti.*

*Applichiamo la nostra proposizione al diritto di chiamare in giudizio. Secondo una giurisprudenza costante, se chi sostiene un giudizio, come attore o come convenuto, agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo essere condannato a pagare un'indemnita al suo avversario ... ... [Baudry Lacantinerie L. Barde – Trattato Prattico di Diritto civile – Delle Obligazioni – Vol. IV. p. 560 et seq.].'* (enfasi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili).

48. Fis-sentenza **John Zarb vs Port Cottonera Limited** deciza fit-18 ta' Settembru 2002 – li kienet *inter alia* tikkoncerna talba ghall-imposizzjoni tal-penali u kundanna ghad-danni taht l-Artikolu 836(8) u (9) tal-Kodici ta' Procedura Civili - il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[34] irriteniet hekk:

*"Mill-premess, m'ghandux ikun hemm dubbju li l-penali jistghu ikunu dovuti biss jekk tirrizulta xi wahda jew aktar mill-ipotesijiet kontemplati fl-artikolu 836(8). Dwar ir-responsabilta' ghad-danni, pero', mhux daqsekk car jekk din ir-responsabilta' tirrizultax biss f'kaz li jissostitwixxu l-kazijiet kontemplati fl-imsemmi sub-artikolu (8), jew tistax tirrizulta wkoll f'cirkustanzi ohra mhux kontemplati f'dak is-subartikolu. ... ...*

*Din il-Qorti, ghalhekk, fil-waqt li tista' taqbel li c-cirkustanzi ta' meta min ikun hareg mandat kawtelatorju jista jinsab responsabbli ghad-danni, mhux limitati ghal dak provdut fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, thoss li r-responsabbilita' trid tohrog mill-applikazzjoni tal-artikolu 1031 u 1032 tal-Kodici Civili (Kap. 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-hsieb ta' bonus pater familias."*

---

[34] *Per* Imhallef Tonio Mallia.

49. Il-Qorti issa ser tghaddi biex tapplika dawn il-principji legali ghall-fatti tal-kaz odjern.

50. Mill-provi in atti jirrizulta li l-konvenut huwa avukat prattikanti u kien jaghmel ukoll xoghol bhala konsulent fil-Ministeru tal-Ekonomija, Investimenti u Negozji Zghar. F'din il-vesti, fit-30 u l-31 ta' Jannar 2017, huwa attenda konferenza fil-Germanja, flimkien mal-Ministru Dottor Christian (sive Chris) Cardona. Dak in-nhar stess, Daphne Caruana Galizia, fuq il-blog taghha ippostjat diversi artikoli fejn allegat li l-attur u l-Ministru Dottor Cardona kemm fit-30 ta' Jannar kemm fil-31 ta' Jannar 2017, marru f'burdell f'lokalita vicin fejn dik li fiha kienet qed issir il-konferenza, u kellhom x'jaqsmu sesswalment ma' prostituta, kemm separatament kemm bejn tlieta, huma flimkien mal-prostituta.

51. Peress li l-konvenut hass ruhu malfamat b'zewg artikoli partikolari li gew ippostjati, huwa ipprezenta zewg kawzi ta' libell kontra Daphne Caruana Galizia, u kontestwalment ipprezenta zewg mandati kawtelatorji ghall-massimu tad-danni permessi mil-ligi (€11,646.47 kull mandat).

52. Daphne Caruna Galizia eccepiet li l-pubblikazzjonijiet kienu jikkontjenu kummenti li jammontaw ghal *fair comment* bazati fuq fatti li huma sostanzjalment korretti u ghalhekk mhux libelluzi.

53. Skond il-ligi ta' procedura civili, kienu jinkombi fuq il-konvenut (attur f'dawk il-proceduri) li jibda jressaq il-provi sabiex juri li l-pubblikazzjonijiet in kwistjoni kienu malfamanti fil-konfront tieghu, u li saru bl-ghan li jtellfu u jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu. Kien biss wara li jghalaq il-provi hu, li l-konvenuta Daphne Caruana Galizia setghet tressaq il-provi in sostenn tal-eccezzjoni taghha. Fil-fatt kif indikat fil-verbal tal-24 t'April 2017, l-avukat tal-konvenut (attur f'dawk il-proceduri) kien gharref lill-Qorti li fis-seduta sussegwenti kellu jibda jressaq il-provi tieghu billi jaghmel domandi lill-konvenuta Daphne Caruana Galizia.

54. Fis-seduti ta' wara gie trattat u deciz rikors ta' Daphne Caruana Galizia sabiex tigi preservata l-*geo-localisation data* relatata man-numri tal-mobile li kien juza' l-konvenut. Ghalhekk ma kienx possibbli ghalih li jibda bil-provi tieghu qabel is-seduta tal-23

t'Ottubru 2017, meta mill-atti jirrizulta li kien bi hsiebu jaghmel xi domandi lil Daphne Caruana Galizia.

55. Ftit granet qabel din is-seduta, u cioe fis-16 t'Ottubru 2017, Daphne Caruana Galizia giet maqtula, u kien minn din id-data l-quddiem li l-proceduri ta' libell li istitwixxa l-konvenut stagnaw, u effettivament gew ceduti minnu b'nota tat-2 ta' Ottubru 2018, minghajr ma ressaq provi.

56. Huwa minnu li wara li l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, l-konvenut ma setghax iressaq il-provi qabel jigu legittimati l-atti, u dawn gew legittimati b'digriet tal-11 ta' Jannar 2018. Il-Qorti tifhem ukoll li wara l-qtil, il-konvenut kellu bzonn jirregola ruhu biex jara jekk hux ser ikompli bil-kawzi jew le. Pero, it-tlett xhur li ghaddew mid-data tal-qtil sad-data li fiha gew legittimati l-atti kien altru milli sufficjenti sabiex jippermettu lill-konvenut jirregola ruhu. Mill-atti jirrizulta li kien hemm persuni li kienu intavolaw kawzi ta' libell kontra Daphne Caruana Galizia, u cedewhom ftit granet jew gimghat wara l-mewt taghha. Il-konvenut ghazel li ma jcedix il-kawzi mill-ewwel, izda minkejja li wara d-digriet tal-legittimazzjoni tal-atti inzammu erba' (4) seduti ghall-provi tal-konvenut[35], hu naqas li jressaq provi fil-meritu f'dawn is-seduti u sussegwentement ipprezenta in-nota ta' cessjoni tieghu fit-2 t'Ottubru 2018.

57. Il-konvenut jghati diversi ragunijiet ghalfejn hu ma ressaqx provi fil-meritu u eventwalment ceda l-kawzi ta' libell. Il-Qorti sejra tikkunsidra kull wahda mir-ragunijiet li ta l-konvenut biex jiggustifika l-agir tieghu.

58. Fl-affidavit tieghu, il-konvenut jghid li hu ceda l-kawzi ta' libell kontra l-atturi, l-eredi ta' Daphne Caruana Galizia, minhabba pressjoni pubblika kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali li kienet qed issir, kif ukoll minhabba il-fatt li hu ma hassx il-bzonn li jkompli l-kawzi ta' libell kontra l-membri tal-familja taghha.[36] In sostenn ta' dan huwa ezebixxa zewg artikoli. L-ewwel wiehed hu intitolat *"Libel suits made my mother's life absolutely impossible – Caruana Galizia"* ippubblikat fuq is-sit elettroniku *The Shift*. Mid-dokument ipprezentat ma tirrizultax id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-artikolu – pero hu ovvju mill-kontenut tieghu li dan l-artikolu seta' biss gie ippubblikat mill-25 ta'

[35] Dawn is-seduti inzammu fit-18 ta' Jannar 2018, fil-5 ta' Marzu 2018, fis-26 t'April 2018 u fil-31 ta' Mejju 2018.
[36] Ara fol. 71 tal-process.

Frar 2020 il-quddiem, stante li jikkontjeni citazzjonijiet minn siti eletronici ta' entitajiet diversi li d-dati taghhom ikopru il-perjodu mit-23 sal-25 ta' Frar 2020.[37] It-tieni artikolu ipprezentat mill-konvenut huwa intitolat *"Malta urged to drop libel cases against murdered journalist Daphne Caruana Galizia"* u gie ippubblikat fl-20 ta' Settembru 2019 fuq is-sit elettroniku euronews.com[38] Il-Qorti tirrileva li l-konvenut ipprezenta n-noti ta' cessjoni fit-2 t'Ottubru 2018, u ghaldaqstant, dawn l-artikoli li ezebixxa gew ippubblikati xhur twal wara li huwa ceda l-kawzi, u certament ma kellhom l-ebda influwenza fuq id-decizjoni tieghu li jcedi l-kawzi ta' libell.

59. Il-konvenut ipprezenta artikolu iehor ippubblikat mis-sit elettroniku Maltatoday fil-5 ta' Marzu 2018, intitolat *"Update 2/Lawyer to minister's aide says request to drop brothel libel case came from Peter Caruana Galizia."*[39] F'dan l-artikolu jirraporta li l-atturi bhala eredi ta' Daphne Caruana Galizia hargu stqarrija fejn qalu hekk:

*"With reference to the various media reports relating to the vexatious libel suits filed by Minister Christian Cardona and his policy aide Joseph Gerada against Daphne Caruana Galizia, her husband and sons as heirs restate their position that they do not on any condition wish the cases to be withdrawn ... ... This is in line with the family's position, based on the clear and overwhelming public interest, that the cases should proceed and that mobile phone location file data currently held in the magistrate's court files should be presented as evidence in open court."*

60. Ghalkemm il-konvenut jallega li kien l-attur Dottor Peter Caruana Galizia li avvicina lill-avukat tieghu (cioe tal-konvenut) u talbu jcedi dawn il-libelli – allegazzjoni li giet michuda minn Dottor Peter Caruana Galizia fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri[40] - jibqa' l-fatt li minn dan l-artikolu tal-Maltatoday jirrizulta car li l-pozizzjoni ufficjali tal-atturi kienet li ma riedux li l-konvenut icedi dawn iz-zewg libelli partikolari, u dan sabiex il-*geo-localisation data* tal-mobile tieghu, li diga kienet giet preservata b'digriet tal-Qorti, setghet tigi ipprezentata fil-proceduri ta' libell, u din id-*data* setghet titfa' dawl fuq jekk il-konvenut kienx verament mar fil-burdell fid-dati u l-hinijiet indikati minn Daphne

[37] Ara fol. 130 tal-process.
[38] Ara fol. 134 tal-process.
[39] Ara fol. 141 tal-process.
[40] Ara xiehda ta' l-Avukat Dottor Peter Caruana Galizia moghtija fis-26 t'April 2018 fl-atti tal-proceduri 31/17 FDP u 32/17 FDP, esebiti bhala Dok ES1 u Dok ES2.

Caruana Galizia. Din l-informazzjoni, gia preservata, kienet tintilef irrimedjalment jekk il-kawzi ta' libell jigu ceduti.

61. Konsegwentement, ghalkemm huwa fatt maghruf – u li l-Qorti tista' tiehu *judicial cognissance* tieghu *ex officio* – li wara l-qtil taghha, kien hemm pressjoni fil-media, u anke entitajiet nazzjonali u internazzjonali, sabiex il-kawzi ta' libell kontra Daphne Caruana Galizia jigu ceduti, jidher mill-provi prodotti mill-konvenut stess li din il-pressjoni ma kinietx testendi ghaz-zewg libelli intavolati minnu u *del resto* lanqas ghal dawk intavolati mill-Ministru Dottor Christian Cardona, li kellhom meritu identiku, u li l-atturi espressament iddikjaraw pubblikament li ma riedux li jigu ceduti, ghar-ragunijiet minnhom moghtija fl-istqarrija taghhom.

62. Il-Qorti tirrileva li l-konvenut ceda dawn il-kawzi sena wara li l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Kieku verament il-konvenut ma riedx ikompli l-kawzi kontra l-familja taghha, huwa kien icedi l-kawzi ftit granet jew l-iktar gimghat wara, u mhux kwazi sena wara. Huwa rilevanti f'dan il-kuntest li jigi osservat li fl-24 t'Ottubru 2017 – u cioe tmint (8) ijiem wara l-qtil - il-konvenut ipprezenta zewg rikorsi fejn talab il-hrug tal-kontromandati relattivi *"sabiex il-familjari tal-intimata defunta jkunu jistghu liberalment jizbankaw l-ammonti depozitati"*.[41] Apparti l-kwistjoni li din it-talba saret b'mod proceduralment skorrett u ghalhekk ma setghetx tigi milqugha, minn dan il-fatt jirrizulta b'mod car li l-konvenut ried biss jehles lill-familja ta' Daphne Caruana Galizia mill-effetti tal-mandati ta' sekwestru, u mhux icedi wkoll il-kawzi ta' libell, ghax likieku kien icedihom ukoll fl-24 t'Ottubru 2017.

63. Il-konvenut xehed li raguni ohra ghalfejn ceda l-kawzi hija li fil-kawzi ta' libell li saru mill-Ministru Dottor Christian Cardona, l-atturi kienu talbu li jinhelsu mill-osservanza tal-gudizzju, stante li l-Ministru ma kienx qed jattendi ghas-seduti. Jghid li meta huwa kellem lil Ministru Dottor Cardona, dan tal-ahhar qallu li ma kienx fadallu interess ikompli l-kawzi kontra l-familja ta' Daphne Caruana Galizia, specjalment la ma jridux jiehdu responsabbilita, u ghalhekk ma kellux interess li jitlob li l-kawzi jergghu jitqieghdu fuq il-lista. Il-konvenut jghid li ma xtaqx ikompli l-kawzi wahdu specjalment la ma kellux dak li huwa sejjah *"interess kontra l-familja"* ta' Daphne Caruana Galizia.[42]

[41] Ara l-Kontromandat numru 2027/17 a *fol.* 42 tal-process u Dok D5 a *fol.* 115 tal-process.
[42] Ara fol. 124-125 tal-process.

64. Frankament, din il-Qorti ma tistax tifhem dan ir-ragunament tal-konvenut. Jekk verament, il-konvenut hassu malafamat bil-pubblikazzjonijiet in kwistjonijiet, u li skond hu ghamlulu hafna hsara fuq livell personali u professjonali, u ried jirrivendika r-reputazzjoni tieghu – kif kellu kull dritt li jaghmel – allura l-logika kienet tiddetta li indipendentement minn dak li iddecieda li jaghmel il-Ministru Dottor Cardona ghar-ragunijiet personali tieghu – huwa jkompli bil-kawzi biex tal-inqas jaghti fil-Qorti l-verzjoni tieghu tal-fatti. Effettivament, fl-affidavit tieghu stess f'dawn il-proceduri, il-konvenut jikkummenta hekk: *"Tajjeb li ntenni li l-blogs kollha fejn jien gejt malfamat ghadhom qeghdin online sallum u kull min ifittex fuq ismi jitilghulu dawn l-artikoli malafamanti"*.[43] Ladarba dan hu l-kaz, kien aktar impellenti ghalih, anke in vista tal-professjoni tieghu, li jressaq provi in sostenn tal-verzjoni tieghu tal-fatti. Dan sabiex mhux biss il-Qorti, imma anke l-pubbliku – u dan kien kaz li ghal ragunijiet ovvji qajjem interess pubbliku kbir u kien qed jigi segwit skrupolozament mill-media – jisma' zewg qniepen – dik ippublikata minn Daphne Caruana Galizia, u l-verzjoni tieghu. Kif sehhew il-fatti, il-konvenut ceda l-kawzi minghajr ma lanqas biss ta l-verzjoni tieghu tal-fatti quddiem il-Qorti, li kienet qed tisma' l-kawzi ta' libell.

65. In kontro-ezami, il-konvenut qal li raguni ohra ghalfejn iddecieda li jcedi l-kawza kienet ghaliex il-kawzi ta' libell ma kienux qieghdin jimxu l-quddiem *'ghax anke meta bdejna nitolbu x-xhieda biex jitilghu ma bdew jitilghu x-xhieda minn naha taghkom'*[44] Huwa spjega li meta talab biex jixhdu l-familja ta' Daphne Caruana Galizia, huma irrifjutaw li jaghmlu dan.[45] Huwa jghid ukoll li jiftakar li kien hemm problema sabiex Daphne Caruana Galizia tigi notifikata bil-kawzi ta' libell.[46] Dawn l-asserzjonijiet tal-konvenut hallew lill-Qorti pjuttost perplessa ghax assolutament ma jirrizultawx mill-atti tal-processi ta' libell. Fl-ewwel lok, il-kawzi ta' libell gew pprezentati fis-7 ta' Frar 2017 u l-konvenuta giet notifikata bihom mal-ewwel attentat ta' notifika li sar fit-23 ta' Frar 2017.[47] Mill-atti tal-kawzi ta' libell jirrizulta wkoll li l-Dottor Peter Caruana Galizia xehed fis-26 t'April 2018 fuq talba tal-konvenut, u dan minkejja li lanqas jirrizulta mill-atti li kien ingunt biex jaghmel dan. Susssegwentement fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2018,

---

[43] Ara fol. 71 tal-process.
[44] Ara fol. 97 tal-process.
[45] Ara fol. 127 tal-process.
[46] Ara fol. 98 tal-process.
[47] Ara l-atti tal-proceduri 31/17 FDP u 32/17 FDP fl-ismijiet Av. Dr Joseph Gerada vs Daphne Anne Caruana Galizia allegati mal-atti odjerni u mmarkati bhala Dok ES1 u ES2.

il-konvenut (attur f'dawk il-proceduri) ipprezenta kapitolu fil-konfront ta' Matthew, Andrew u Paul ahwa Caruana Galizia, u l-avukat difensur taghhom f'dawk il-proceduri informa lill-Qorti li dawn it-tlett persuni ma kienux jinsabu Malta, u kienet ser issir nota sabiex Dottor Peter Caruana Galizia jassumi l-atti fl-assenza taghhom. Dak in-nhar il-kawza giet differita ghall-4 ta' Ottubru 2018 ghal diversi ragunijiet fosthom *"okkorrendo ghas-subizzjoni".* Din in-nota giet ipprezentata minn Dottor Peter Caruana Galizia fil-mori tad-differiment, u cioe fil-11 ta' Settembru 2018. Billi l-konvenut ipprezenta n-noti ta' cessjoni tieghu fit-2 ta' Ottubru 2018, il-kwistjoni tas-subizzjoni tal-ahwa Caruana Galizia giet surpassata, qabel is-seduta tal-4 t'Ottubru 2018. Dawn kienu l-unici erba' xhieda li l-konvenut talab li jitilghu jixhdu fil-kawzi ta' libell, u certament huwa fattwalment skorrett li jinghad li l-membri tal-familja Caruana Galizia ma bdewx jitilghu jixhdu meta mitluba biex jaghmlu dan. Ghaldaqstant, din certament ma kinietx wahda mir-ragunijiet ghalfejn il-kawzi ta' libell ma kienux qed jimxu 'l quddiem.

66. Il-konvenut jghid li raguni ohra li ghalfejn ceda l-kawzi kienet li skond hu l-atturi ghazlu li ma jerfghux ir-responsabbilita ta' dak li kienet kitbet Daphne Caruana Galizia, u in sostenn ta' dan jirreferi ghax-xhieda ta' l-attur Dottor Peter Caruana Galizia fil-proceduri ta' libell fis-seduta tas-26 t'April 2018. In succint f'din is-seduta, l-Avukat Caruana Galizia qal li ma setghax jaghmel l-allegazzjonijiet in kwistjoni tieghu ghax ma kienx qalhom hu, imma kien qed jassumi li martu kellha ragun tghid dak li qalet, u ghalhekk sostna li *"jien se nibqa' niddifendihom."* Ai termini tal-Artikolu 806 tal-Kodici ta' Procedura Civili, werriet ta' parti f'kawza jista' jitlob li *"l-atti tal-kawza jghaddu fil-persuna tieghu, sabiex jissokta l-kawza minflok il-parti mejta."* Dan hu precizament dak li ghamlu l-atturi fil-kawzi ta' libell, u konsegwentement huma assumew l-atti bil-kontenut taghhom sa dak in-nhar, u obbligaw ruhhom li jissoktaw il-kawzi minflok il-konvenuta Daphne Caruana Galizia. F'dan is-sens huma assumew l-istess responsabbilita legali fil-kawzi ta' libell li kellha Daphne Caruana Galizia, ghax dahlu fiz-zarbun taghha bhala konvenuti. Din il-Qorti ma tara xejn li ghandu jigi censurat fl-agir tal-atturi, u lanqas tara ghalfejn din il-posizzjoni taghhom kellha b'xi mod tkun ta' ostakolu ghalfejn l-konvenut ma setghax iressaq il-provi tieghu fil-kawzi ta' libell.

67. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut jaghti raguni ohra ghalfejn ma setghax iressaq il-provi. Huwa jghid *inter alia* hekk:

*"Kif jistghu jippretendu l-atturi li qed jghidu huma stess li ma kellhom l-ebda fatti fuqiex jixhdu fil-kawzi tal-libell istitwiti mill-esponenti wara li Daphne Caruana Galizia kienet inqatlet, illi allura jkun l-esponenti li jgib tali provi bhal li kieku s-sorsi li jirreferu ghalihom l-atturi li kienu estranji ghalihom ma kienux ukoll estranei ghall-esponent."*[48]

Dan l-argument tal-konvenut huwa wiehed legalment *non sequitur*. Il-fatt li l-atturi qalu li huma estranji ghas-sorsi li kellha Daphne Caruana Galizia, ma kien tal-ebda xkiel ghalih bhala attur li jressaq il-provi tieghu sabiex jissostanzja li dak allegat fuqu kien inveritier. Il-Qorti tibda biex tirrileva li huwa dubbjuz hafna kemm huwa seta' jistrieh fuq is-sorsi li kellha Daphne Caruana Galizia, stante li ai termini tal-Att dwar l-Istampa[49] kif interpretat fid-dawl tad-dritt tal-espressjoni taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, hija ma kinietx obbligata tizvela dawn is-sorsi, hlief f'kazijiet eccezzjonali kontemplati mill-istess ligi.[50] Pero apparti dan u fi kwalunkwe kaz, kien il-konvenut li kien qed jallega li l-pubblikazzjonijiet kienu malfamanti fil-konfront tieghu, u ghalhekk fl-ewwel lok kien hu, bhala attur f'dawk il-proceduri, li kellu l-oneru legali li jressaq il-provi sabiex juri u jispjega ghalfejn dawn kienu malfamanti fil-konfront tieghu – fi kliem iehor li jressaq provi biex juri li hu ma kienx fil-burdell fid-dati u l-hinijiet rilevanti. Wara li konvenut (bhala attur f'dawk il-proceduri) jaghlaq il-provi tieghu, l-atturi bhala eredi tal-konvenuta Daphne Caruana Galizia, kien ikollhom il-fakolta li jressqu l-provi sabiex juru li l-pubblikazzjonijiet kienu jikkostitwixxu *fair comment* fuq fatti sostanzjalment korretti.

68. Fid-dawl tas-suespost, is-sottomissjoni tal-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li matul it-trattazzjoni ta' libelli, Daphne Caruana Galizia ma gabet l-ebda prova sabiex issahhah jew tipprova l-allegazzjonijiet taghha,[51] hija wahda disingenjuza. Bhala konvenuta, id-dritt taghha li tressaq il-provi kien jiskatta wara li l-konvenut, (bhala attur f'dawk il-proceduri) jaghlaq il-provi tieghu. Fid-data li fiha l-konvenut ceda il-kawzi, lanqas kien ghadu ressaq prova wahda fil-meritu, ahseb u ara kemm kien iddikjara li ma kellux izjed provi xi jressaq. Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax tifhem kif huwa qed jippretendi li l-konvenuta kellha tressaq il-provi taghha, fl-istadju tal-provi tieghu.

---

[48] Ara fol. 161 tal-process.
[49] Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta, abrogat bl-Att XI tal-2018.
[50] Ara d-digriet **Lindsey Gambin vs Daphne Caruana Galizia** moghti mill-Qorti tal-Magistrata (Malta) (*per* Magistrat Francesco Depasquale) fis-17 ta' Marzu 2016.
[51] Ara fol. 161 tal-process, paragrafu 28.

69. Effettivament jirrizulta mill-atti li fil-bidu tal-proceduri ta' libell, Daphne Caruana Galizia kienet hadet hsieb li jigu preservati provi li riedet tipprezenta fl-istadju tal-provi taghha. Fil-fatt il-Qorti li kienet qed tisma' l-kawzi tal-libelli kienet laqghet it-talba taghha sabiex tigi preservata *geo-localisation data* tal-mobiles tal-konvenut – stante li din id-*data* tinzamm biss ghal perjodu ta' sitt (6) xhur mill-operaturi tas-servizzi ta' telekomunikazzjoni – u dan sabiex hija tkun tista' eventwalment tressaq lil dawn l-operaturi biex jixhdu dwar din id-*data* fl-istadju tal-provi taghha. Dan il-fatt jindika li Daphne Caruana Galizia kellha intenzjoni li tressaq provi in sostenn ta' dak minnha allegat, wara li l-konvenut (l-attur f'dawk il-proceduri) jiddikjara l-istadju tal-provi tieghu mghaluq.

70. Din il-Qorti ma tistax tghid l-istess ghall-konvenut. Waqt il-kontro-ezami tieghu f'dawn il-proceduri, meta il-konvenut gie mistoqsi jekk jaqbilx li hu ma kienx ressaq provi qabel ceda l-kawzi, il-konvenut wiegeb hekk: *"F'dak l-istadju ma kellix ghalfejn inressaq provi jiena jidhrili. ... ... Ha nghidlek jiena ma stajtx nipprova tajjeb? Xi haga illi xi hadd qed jghid fuqi u jien qed nghid li mhijiex vera. Kif ha tippruvaha? Tajjeb? X'nghid? "ma kontx hemmhekk" B'hekk nippruvaha jiena?"* Rigward il-fatt li huwa lanqas affidavit ma' kien ghamel f'dawk il-kawzi, huwa wiegeb hekk *"Ma hassejtx li kelli bzonn."*[52] Il-Qorti tikkonfessa li ma hix kapaci tifhem dan ir-ragunament tal-konvenut. Il-mistoqsija tigi wahedha – jekk il-konvenut kien jaf li ma kienx f'posizzjoni li jressaq provi biex jismentixxi l-allegazzjonijiet li saru fuqu, ghalfejn intavola l-kawzi ta' libell?

71. Il-Qorti tirrileva li l-Kodici Kriminali espressament jirrikonoxxi li x-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.[53] Ladarba dan ir-regola hija applikabbli fil-kamp kriminali, l-istess regola hija applikabbli *a forteriori* fil-kamp civili, fejn il-livell tal-prova huwa inqas onoruz. Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-konvenut jghid li l-atturi *"(q)att ma accettaw li l-gurament tal-klijient tieghi kien bizzejjed biex joqghodu fuqu."*[54] Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li kif ammess mill-konvenut stess fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri u kif

[52] Ara fol. 97 – 98 tal-processs.
[53] Ara Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali.
[54] Ara fol. 173 tal-process.

jirrizulta mill-atti tal-kawzi ta' libell, il-konvenut qatt ma offra d-deposizzjoni tieghu jewipprezenta affidavit sabiex jispjega ghaliex l-allegazzjonijiet fil-konfront tieghu kienu foloz. Fit-tieni lok, jekk l-atturi jaccettawx jew le d-dikjarazzjoni tal-konvenut bil-gurament li l-allegazzjonijiet kienu foloz hija konsiderazzjoni ghal kollox irrilevanti – dak li kien rilevanti kien jekk il-Qorti li kienet qed tisma' l-kawzi ta' libell taccettax u temminx id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut li l-allegazzjonijiet kienu inveritieri.

72. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti hija tal-fehma li z-zewg kawzi ta' libell intentati mill-konvenut kienu kawzi temerarji, meta fil-verita ma jirrizultax li kellu provi xi jressaq sabiex juri li hu ma kienx fil-burdell fid-dati u hinijiet relevanti. Il-fatt li huwa ceda dawn il-kawzi minghajr ma ressaq prova wahda, lanqas ix-xhieda tieghu stess, sabiex jipprova l-malafama, meta kellu kull opportunita li jaghmel dan, hija prova ta' dan.

73. Pero il-konvenut ma illimitax ruhu biss li jistitwixxi zewg kawzi ta' libell temerarji fuq l-istess meritu, imma talab kontestwalment il-hrug ta' zewg mandati kawtelatorji ghall-massimu tad-danni permessi mil-ligi (€11,646.47) kull wiehed. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, il-konvenut ghamel din it-talba b'ritaljazzjoni ghax kien urtat b'dak li Daphne Caruana Galizia kitbet fuqu, u bl-iskop li jikkagunalha l-ikbar dannu finanzjarju possibbli. Konsegwentement it-talba tal-hrug ta' dawn il-mandati saret b'malizzja u ghal ragunijiet frivoli u vessatorji.

74. *Ex abbundantia*, il-Qorti tosserva ukoll li t-talba ghal hrug ta' mandati kawtelatorji kontestwalment ma' kawzi ta' libell kienet wahda bla precedent fl-istorja legali ta' Malta, stante tali talba tqajjem – kif fil-fatt ghamlet it-talba tal-konvenut - kwistjonijiet dwar ir-rekwizit tal-proporzjonalita fit-tgawdija tad-dritt fundamentali tal-espressjoni. Din il-Qorti hija moralment konvinta li l-konvenut kien jaf li b'din it-talba kien qed jaqbez linja li sa dak in-nhar hadd ma kien ghadu azzarda jaqbez, u ghalhekk kien iktar impellenti ghalih li ma jaghmilx dan, ladarba ma kienx in buona fede meta intavola l-kawzi ta' libell.

75. Ghalkemm fil-provvedimenti taghha tad-9 ta' Marzu 2017, il-Qorti li kienet qed tisma' l-kawzi ta' libell irriteniet li l-konvenut kellu dritt fuq bazi *prima facie* li jitlob il-hrug tal-mandati kawtelatorji, mill-provi akkwiziti f'dawn il-proceduri jirrizulta ampjament li l-konvenut abbuza mis-sistema gudizzjarja meta talab il-hrug ta' dawn il-mandati, stante li z-zewg kawzi ta' libelli minnu intavolati kienu t-tnejn temerarji, u *ex admissis* kien

konsapevoli li ma kellux provi xi jressaq sabiex jikkontradici dak li Daphne Caruana Galizia allegat fuqu. Fil-fatt huwa cedihom minghajr ma ressaq prova wahda. Dan irendi l-agir tieghu iktar censurabbli, ghaliex l-agir tieghu kien intiz ukoll li jkollu *a chilling effect* fuq il-liberta' tal-espressjoni mhux biss ta' Daphne Caruana Galizia izda tal-gurnalisti kollha f'Malta. B'dan il-precedent, il-gurnalisti irrealizzaw ghall-ewwel darba li dak li jippubblikaw – anke jekk ikunu certi li l-fatti jkunu veritieri – jista' jassoggettahom ghal problemi finanzjarji kbar, billi l-assi taghhom jigu iffrizati ghal xhur u forsi snin, sakemm jigu decizi l-kawzi ta' libell. Ghal kompletezza jinghad li dan il-precedent tant ikkrea disgwid li fl-2018 kien hemm intervent legislattiv sabiex jigi projbit il-hrug ta' mandati kawtelatorji ta' qbid u sekwestru kontestwalment ma' kawzi ta' libell.[55]

76. Huwa sinifikanti hafna li kif diga inghad gimgha wara l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, il-konvenut talab ir-revoka tal-mandati ta' sekwestru sabiex il-flus depozitati jkunu jistghu jigu zbankati mill-familjari taghha. Ladarba f'dak l-istadju l-konvenut kien ghad kellu l-intenzjoni li jkompli l-kawzi ta' libell, din it-talba logikament ma taghmilx sens. Likieku vera l-konvenut talab il-hrug tal-mandati kawtelatorji ghax beza' li jkun difficli jigbor dak li jkun dovut lilu f'kaz ta' sentenzi favur tieghu, kif jghid fl-affidavit tieghu,[56] kieku certament ma kienx jitlob ir-revoka tal-kontromandati u li flus depozitati jigu zbankati mill-familjari, wara l-mewt taghha. Dan ghaliex jekk skond hu kien cert li ser jirbah il-kawzi ta' libell, u kien qed janticipa ghal diversi ragunijiet li semma hu li ser ikun difficli li eventwalment jigbor flusu minghand Daphne Caruana Galizia, certament kien ser ikun iktar difficli jigbor il-flus minghand l-eredi taghha – ghax issa minflok jigbor il-flus minghand persuna wahda, ried eventwalment idur fuq erba' persuni f'kaz li jirbah il-kawzi. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn il-konvenut kellu jaghzel li jidhol f'dawn il-kumplikazzjonijiet fattwali u legali, meta kien cert li ser jirbah il-kawzi u l-flus li setghu jigu dovuti lilu kienu diga depozitati l-Qorti. Fil-fatt fix-xhieda tieghu, il-konvenut kien evaziv hafna ghalfejn talab il-hrug ta' dawn il-kontro-mandati u jghid hekk *"Nghid ukoll illi xi granet wara ... ... illi mietet is-Sinjura Caruana Galizia, kien intalab biex jitwaqqghu l-mandati. Kien hemm xi tip ta' konfuzjoni niftakar dak iz-*

[55] L-Att XI tal-2018 zied is-subinciz (6) ghall-Artikolu 837 tal-Kodici ta' Procedura Civili li jippreskrivi illi *"Ma jistghax jinhargu mandati kawtelatorji ta' qbid, ta' qbid fuq azjenda kummercjali jew mandati ta' sekwestru biex jitqieghdu fiz-zgur jeddijiet jew pretensjonijiet kontra xi persuna ghal danni ghal libel jew malafama ohra taht xi ligi."*

[56] Ara fol. 69 tal-process.

*zmien ghax diga kienu tnehhew il-mandati jidhirli, fil-fatt giet ikkwotata din il-bicca xoghol fil-gazzetti, meta qalu isma' intalbu biex jitwaqqghu l-mandati, meta l-mandati ma kienux ghadhom hemmhekk fir-realta."*[57] Pero l-konvenut qatt ma spjega ghalfejn ikkrea dak li hu stess sejjah *"konfuzjoni"*.

77. Fl-opinjoni kunsiderata ta' din il-Qorti, il-vera raguni ghalfejn il-konvenut talab ir-revoka tal-mandati wara l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia kien ghaliex kien konsapevoli li z-zewg kawzi ta' libell kienu temerarji, u li t-talba tal-hrug tal-mandati saret minnu ghal ragunijiet abbuzivi bhala ritaljazzjoni. Pero ladarba Daphne Caruana Galizia kienet inqatlet, huwa ma kellux raguni ghalfejn jivvessa lill-familjari taghha.

78. Fl-affidavit tieghu[58] l-Avukat Dottor Peter Caruana Galizia spjega kif il-mara tieghu kienet topera biss kont wiehed mal-HSBC Bank, u li dan il-kont kienet tuzah kemm ghal flus personali taghha kif ukoll ghal flus koncernanti l-professjoni taghha. Iz-zewg mandati ta' sekwestri mitluba mill-konvenut kif ukoll it-tnejn l-ohra mitluba fl-istess gurnata mill-Ministru Dottor Christian Cardona incidew gravament fuq il-likwidita finanzjarja taghha f'mument meta kienet ghada kif iddepozitat fil-kont taghha ammont sostanzjali ta' flus li irceviet minghand is-socjeta Standards Publications Limited in konnessjoni max-xoghol taghha ta' gurnalista, u minnhom riedet thallas il-kredituri taghha. Ovvjament konsegwenza ta' dawn il-mandati kawtelatorji, il-bank lanqas seta' jonera ic-*cheques* li hija kienet lahqet harget biex thallas xi nies qabel saret taf bis-sekwestri.

79. Fis-7 ta' Frar 2017, id-data tal-prezentata tas-sekwestri, Daphne Caruana Galizia kellha fil-kont taghha l-ammont ta' €43,803.30, liema ammont il-bank kellu skond il-ligi bil-fors jiddepozita fir-registru ta' din il-Qorti, fi zmien hmistax-il gurnata. Mic-cedola ta' depozitu jirrizulta li l-Bank zamm is-somma ta' €653.44 mill-flus ta' Daphne Caruana Galizia sabiex jaghmlu tajjeb ghad-drittijiet u l-ispejjez tal-istess depozitu. B'hekk il-bank iddepozita s-somma netta ta' €43,149.36 *"sabiex din l-istess somma tigi zbankata minn min ghandu dritt ghaliha skond il-ligi".* L-attur Dottor Peter Caruana Galizia kellu johrog il-bilanc ta' €3,438.12 sabiex hija setghet titlob il-hrug tal-kontromandati relattivi, u l-mandati gew revokati fl-24 t'April 2017.

[57] Ara fol. 125 tal-process.
[58] Ara fol. 102 – 105 tal-process.

80. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju li dawn is-sekwestri ikkawzaw diffikultajiet finanzjarji u logistici kbar lil Daphne Caruana Galizia, ghax nixxfu il-likwidita finanzjarja taghha kollha. In oltre, hija bdiet tibza li xi persuna ohra tithajjar mill-ezempju tal-konvenut, u jipprezenta xi sekwestru kawtelatorju iehor flimkien ma' kawza ta' libell. L-attur Dottor Peter Caruana Galizia xehed li minhabba din il-biza', hu fetah kont kurrenti mal-bank f'ismu, li pero kien effettivament jigi uzut minn martu, u kien jiddepozita c-*cheques* taghha, kif ukoll regolarment jiffirma diversi *cheques* vojta minn qabel sabiex hija tkun tista' tuzahom. Ovvjament dan l-arrangament kellu l-inkonvenjenzi tieghu, stante li hija *de facto* tilfet l-indipendenza tal-uzu tal-flus taghha, billi issa kienet kostretta tiddependi fuq ir-ragel taghha, anke ghal dak li jikkoncerna transazzjonijiet koncernanti il-professjoni taghha.

81. Fl-affidavit tieghu, il-konvenut jirriferi ghal fatt li wara li saru l-mandati kawtelatorji, kienet inbdiet *crowd funding page* biex jingabru flus biex jaghmlu tajjeb ghall-mandati kawtelatorji. L-ghada li nbdiet din il-*crowd-funding page* bdew jingabru l-flus, u cioe fl-10 ta' Frar 2017, Daphne Caruana Galizia ippublikat artikolu iehor intitolat *"€69,000 in 1 day: thank you all for giving the Economy Minister and Labour Party deputy leader a two-fingered salute"* fejn fih kienet *"ftahret"* li f'gurnata wahda biss kienet gabret aktar flus milli kienu gew depozitati l-qorti mill-bank taghha fejn kienet izzomm il-flus. Fl-affidavit tieghu, il-konvenut jghid hekk: *"L-ammont migbur fil-fatt kien jeccedi l-ammont kawtelat permezz tal-mandati kawtelatorji li kont ghamilt jien. Caruana Galizia riedet tghaddi messagg car li l-mandati kawtelatorji ma affettwawha xejn finanzjarjament. Anzi bil-kontra ta' dan, kienet gabret iktar flus u prattikament ghamlet qliegh."*[59]

82. Il-fatt li numru ta' persuni ghazlu li jesprimu s-solidarjeta taghhom ma' Daphne Caruana Galizia u taw donazzjonijiet ta' flus biex jiffinanzjaw d-depozitu li ried isir biex jigu revokati l-mandati ta' sekwestru u l-ispejjez legali tal-kawzi ta' libell ma jezimix lill-konvenut mir-responsabbilitajiet tieghu talli spedixxa l-mandati kawtelatorji b'mod abbuziv. L-erba' mandati ta' sekwestru (it-tnejn spediti mill-konvenut u t-tnejn spediti mill-Ministru Dottor Christian Cardona) iddeprivawha mill-uzu tal-flus kollha li hi kellha depozitati fil-bank, u hallewha lampa stampa. Lanqas hu korrett li jintqal illi billi ingabru

[59] Ara fol. 71 tal-process.

iktar flus mill-pubbliku mill-ammonti kawtelati bil-mandati ta' sekwestru, allura jfisser li Daphne Caruana Galizia kienet *"ghamlet qliegh."* Fil-fatt mill-artikoli ezebiti mill-konvenut stess, jirrizulta li kemm meta giet imnedija il-*crowd funding page* kif ukoll wara li ngabru l-flus, Daphne Caruana Galizia iddikjarat li flus li jingabru u li ma jkunux mehtiega se jinghataw lid-Dar Merhba Bik.[60]

83. In vista tal-konkluzjoni ta' din il-Qorti li l-mandati kawtelatorji in kwistjoni inhargu b'malizzja u kienu frivoli u vessatorji, il-konvenut huwa responsabbli kemm ghad-danni kif ukoll ghal penali ai termini tas-subincizi (8) u (9) tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Procedura Civili.

84. Bhala danni, l-atturi qieghdin jitoblu is-somma ta' tlett mija u sitta u ghoxrin Euro u sebgha u disghin centezmu (€326.97) bhala nofs l-ammont li nzamm mill-flus fil-kont bankarju ta' Daphne Caruana Galizia bhala drittijiet u spejjez mill-HSBC Bank Malta Ltd. fuq ic-cedola ta' depozitu 458/2017, li permezz taghha giet iddepozitata is-somma ta' €43,149.36 fir-registru ta' din il-Qorti. Dawn id-danni huma direttament naxxenti mill-ispedizzjoni tal-mandati ta' sekwestru, gew debitament ippruvati, u lanqas gew kontestati mill-konvenut. Ghaldaqstant, it-talba tal-atturi ghall-hlas ta' dan l-ammont ta' €326.97 bhala danni hija gustifikata.

85. L-imposizzjoni tal-penali f'dawn ic-cirkostanzi mhix wahda awtomatika, izda tiddependi mid-diskrezzjoni tal-Qorti, ovvjament tenut kont tal-fatti specie tal-kaz in ezami. Fil-kaz odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li jezistu l-estremi necessarji li jiggustifikaw l-imposizzjoni tal-penali. Min jitlob il-hrug ta' mandati kawtelatorji ghandu jaghmel dan biss jekk ikun in buona fede bl-intenzjoni li jikkawtela l-interessi tieghu. Konsegwentement, il-konvenut ghandu jigi penalizzat talli abbuza mis-sistema gudizzjarja, u talab il-hrug tal-mandati kawtelatorji ghal ragunijiet malizzjuzi, frivoli u vessatorji, a bazi ta' zewg kawzi ta' libell temerarji fuq l-istess mertu.

86. Ghaldaqstant, it-talba tal-atturi ghall-imposizzjoni tal-penali ser tigi milqugha. Ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kodici ta' Procedura Civili din il-penali ghandha tkun ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu(1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12).

[60] Ara fol. 72 u 75 tal-process.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-penali li ghandha tigi inflitta hija ta' erbat elef Euro ghal (€4,000) ghal kull mandat.

**Konkluzjoni**

87. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut tal-irritwalita tal-azzjoni odjerna stante l-assenza minn Malta ta' uhud mill-atturi;

2. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut tan-nullita tal-azzjoni tal-atturi in kwantu bazata fuq l-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenut tar-*res judiciata;*

4. Tichad ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut tan-nuqqas ta' interess guridiku tal-atturi;

5. Tichad il-hames eccezzjoni tal-konvenut fil-meritu, u konsegwentement tilqa' t-talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta' tmint elef tlett mija u sitta' u ghoxrin Euro u sebgha u disghin centezmu (€8,326.97), rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' tmint elef Euro (€8,000) penali imposta ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u inkwantu ghas-somma ta' tlett mija u sitta u ghoxrin Euro u seba' u disghin centezmu (€326.97) rapprezentanti danni dovuti ai termini tal-Artikolu 836(9) tal-istess Kodici, bl-imghax mid-data tal-lum sad-data tal-pagament effettiv.

88. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**